

Brussell, 26 ta' Frar 2021
(OR. en)

6556/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0052(NLE)

ECOFIN 184
FIN 138
UEM 41

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Frar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 104 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lill-Estonja biex ittaffi r-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 104 final.

Mehmuż: COM(2021) 104 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.2.2021
COM(2021) 104 final

2021/0052 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lill-Estonja biex ittaffi r-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet għall-proposta u l-oġġettivi tagħha

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 (“ir-Regolament SURE”) jistabbilixxi l-qafas ġuridiku għall-ġħoti ta’ assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Istati Membri, li qed jesperjenzaw taqlib ekonomiku sever ikkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19, jew huma mhedda serjament minn tali taqlib. L-appoġġ taħt SURE iservi għall-finanzjament, primarjament, ta’ skemi ta’ xogħol għal żmien qasir jew miżuri simili mmirati biex jiproteġu l-impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom u b’hekk inaqqsu l-inċidenza tal-qgħad u t-telf tal-introjtu, kif ukoll għall-finanzjament, bħala anċillari, ta’ xi miżuri relatati mas-saħħa, b’mod partikolari fil-post tax-xogħol.

Fl-4 ta’ Frar 2021, l-Estonja talbet assistenza finanzjarja mill-Unjoni skont ir-Regolament SURE. F’konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament SURE, il-Kummissjoni kkonsultat mal-awtoritajiet Estonjani biex tivverifika ż-żieda għal għarrieda u qawwija fin-nefqa attwali u pjanata direttament relatata ma’ skemi tas-suq tax-xogħol għal żmien qasir u miżuri simili kif ukoll miżuri relatati mas-saħħa kawżati mill-pandemija tal-COVID-19. B’mod partikolari, dan jikkonċerna:

(a) skema tas-suq tax-xogħol għal żmien qasir għall-preservazzjoni tal-impjiegi. L-oġġettiv kien li jingħata appoġġ lill-impjegati tas-settur privat li s-salarji/il-pagi jew is-siġhat tax-xogħol tagħhom tnaqqsu temporanjament minħabba l-impatt sostanzjali tas-sitwazzjoni ta’ emerġenza billi l-impjegati jingħataw sa 70 % tas-salarju jew il-pagi medji fix-xahar tal-impjegat, b’limitu massimu ta’ EUR 1000 għal kull impjegat fix-xahar. Dan jikkonċerna miżura temporanja għall-perjodu tas-sitwazzjoni ta’ emerġenza minn Marzu sa Mejju 2020. Minħabba l-impatt kontinwu tas-sitwazzjoni ta’ emerġenza fuq l-impjiegi, l-iskema ta’ assenza bil-permess ġiet estiża biex tapplika f’Ġunju 2020 u l-kundizzjonijiet tagħha ġew aġġustati sabiex l-appoġġ tal-gvern lil impjegat tnaqqas għal 50 % tas-salarju jew il-pagi medji fix-xahar tal-impjegat u b’limitu ta’ EUR 800 għal kull impjegat. Sabiex jirċievu l-appoġġ tal-gvern għall-impjegati, il-kumpaniji kellhom iħallsu mill-inqas EUR 150 (fuq bażi grossa) għal kull impjegat fix-xahar, sabiex kull impjegat jirċievi qligħ fix-xahar ta’ mill-inqas EUR 584, li huwa ugwali għall-paga minima.

(b) *allowance* għall-preservazzjoni tal-qligħ għall-ġenituri li matul is-sitwazzjoni ta’ emerġenza kellhom jissospendu x-xogħol biex jieħdu ħsieb it-tfal tagħhom bi bżonnijiet edukattivi speċjali. Din kienet miżura temporanja għall-perjodu tas-sitwazzjoni ta’ emerġenza mit-12 ta’ Marzu sas-17 ta’ Mejju 2020. L-*allowance* ġiet ikkalkolata abbażi tat-taxxa soċjali mħallsa fuq is-salarji jew il-pagi ta’ ġenitur rispettiv fl-2019. L-appoġġ kopra 70 % tas-salarju medju ta’ kuljum jew pagi ta’ ġenitur wieħed.

(c) skema ta’ xogħol għal żmien qasir għal artisti *freelance*, kowċis tal-isport u kapijiet ta’ korijiet u gruppi taż-żfin. Din kienet skema temporanja għall-perjodu tas-sitwazzjoni ta’ emerġenza mill-1 ta’ Marzu sal-31 ta’ Mejju 2020. L-artisti *freelance* ġew appoġġati f’ammont ugwali għall-paga minima għal perjodu ta’ xahrejn. Il-kapijiet ta’ korijiet u gruppi ta’ żfin folk u kowċis tal-isport ngħataw appoġġ mill-gvern li rrappreżenta 70 % tas-salarju jew pagi medji għall-perjodu minn Ottubru 2019 sa Frar 2020, b’limitu ta’ EUR 1000 għal kull impjegat fix-xahar. Il-kowċis tal-isport kienu appoġġati fl-ammont ta’ 50 % tas-salarju/pagi regolari tagħhom, filwaqt li l-50 % l-oħra tħallsu mill-organizzazzjoni sportiva.

(d) miżura relatata mas-saħħa li tikkonsisti f’nefqa pubblika fuq tagħmir protettiv personali u provvisti ġenerali addizzjonali u oġġetti konsumabbli.

(e) skema ta' appoġġ fuq terminu qasir għall-isptarijiet biex tikkumpensa għall-ispejjeż tar-reklutaġġ ta' persunal temporanju għall-unitajiet tal-COVID-19 u l-unitajiet tal-kura intensiva, u l-ħlas għal sigħat tax-xogħol estiżi għat-tobba, l-infermiera u persunal ieħor. Din kopriet l-ispejjeż ta' hteġa addizzjonali għall-persunal fl-unitajiet tal-COVID-19 u l-unitajiet tal-kura intensiva fl-isptarijiet. Il-persunal addizzjonali ġie impjegat b'salarju oġhla (koeffiċjent 2.0) biex il-persunal jinżamm immotivat matul is-sitwazzjoni ta' emerġenza.

(f) kumpens għall-impjegati għall-ewwel tlett ijiem ta' liv tal-mard għall-perijodu tas-sitwazzjoni ta' emerġenza mit-13 ta' Marzu sas-17 ta' Mejju 2020. Iż-żieda fl-użu ta' liv minħabba mard u kura minħabba l-COVID-19 ġiet ikkumpensata għall-persuni assigurati mill-Fond tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa Estonjan għall-ewwel tlett ijiem ta' mard (li normalment jitħallsu mill-impjegat).

L-Estonja pprovdiet lill-Kummissjoni bl-informazzjoni rilevanti.

Filwaqt li tqis l-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill biex jadotta Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni sabiex tingħata assistenza finanzjarja lill-Estonja permezz tar-Regolament SURE b'appoġġ għall-miżuri ta' hawn fuq.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta preżenti hija kompletament konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672, li bis-saħħa tiegħu qed issir il-proposta.

Din il-proposta ġejja appartu strument ieħor tal-liġi tal-Unjoni li jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri f'każ ta' emerġenza, jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) ("ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002"). Ir-Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda dak l-istrument biex jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex ikopri emerġenzi kbar ta' saħħa pubblika u jiddefinixxi operazzjonijiet speċifiċi eliġibbli għall-finanzjament, ġie adottat fit-30 ta' Marzu 2020.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija parti minn firxa ta' miżuri żviluppata b'reazzjoni għall-pandemija attwali tal-COVID-19 bħall-"Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus", u tikkomplementa strumenti oħra li jappoġġjaw l-impjiegi bħall-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi/InvestEU. Bl-użu ta' għoti u teħid b'self f'dan il-każ partikolari tat-tifqigħa tal-COVID-19 għall-appoġġ tal-Istati Membri, din il-proposta taġixxi bħala t-tieni linja ta' difiża biex jiġu ffinanzjati skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, biex jiġu protetti l-impjiegi u b'hekk l-impjegati u l-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju tal-qgħad.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal dan l-istrument hija r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672.

- **Is-sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta ssegwi talba tal-Istati Membri u turi solidarjetà Ewropea billi tipprovdi assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma ta' self temporanju lil Stat Membru affettwat mit-tifqigħa tal-COVID-19. Bħala t-tieni linja ta' difiża, tali assistenza finanzjarja tappoġġja ż-żieda fin-nefqa pubblika tal-gvern fuq bażi temporanja fir-rigward tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili biex tgħinhom jiproteġu l-impjiegi u b'hekk lill-impjegati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju ta' qgħad u t-telf ta' introjtu.

Tali appoġġ se jgħin lill-popolazzjoni affettwata u jgħin biex itaffi l-impatt soċjali u ekonomiku dirett ikkawżat mill-kriżi attwali tal-COVID-19.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tosserva l-prinċipju tal-proporzjonalità. Ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet tal-istrument.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza biex titħejja l-proposta u biex tkun tista' tiġi adottata fil-ħin mill-Kunsill, ma setgħetx titwettagħ konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura urġenti tal-proposta, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tieħu self fis-swieq finanzjarji bil-għan li tagħtih b'self lill-Istat Membru li jitlob assistenza finanzjarja skont l-istrument SURE.

Minbarra l-provvediment tal-garanziji tal-Istati Membri, jiddaħħlu salvagwardji oħra fil-qafas sabiex tiġi żgurata s-solidità finanzjarja tal-iskema:

- Approċċ rigoruż u konservattiv għal ġestjoni finanzjarja;
- Kostruzzjoni tal-portafoll ta' self li jillimita r-riskju ta' konċentrazzjoni, skopertura annwali u skopertura eċċessiva għal Stati Membri individwali, filwaqt li jiġu żgurati riżorsi suffiċjenti li jistgħu jingħataw lill-Istati Membri li huma l-aktar fil-bżonn; kif ukoll
- Possibbiltajiet ta' riportament tad-dejn.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lill-Estonja biex ittaffi r-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-4 ta' Frar 2021, l-Estonja talbet assistenza finanzjarja mill-Unjoni bil-ħsieb li tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tagħha biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjo-ekonomiċi tat-tifqigħa għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom.
- (2) It-tifqigħa tal-COVID-19 u l-miżuri straordinarji implimentati mill-Estonja biex titrażżan it-tifqigħa u l-impatt tagħha kemm soċjoekonomiku kif ukoll dak marbut mas-saħħa mistennija li jkollhom impatt qawwi fuq il-finanzi pubbliċi. Skont it-tbassir tal-Ħarifa 2020 tal-Kummissjoni, l-Estonja kienet mistennija li jkollha defiċit u dejn tal-amministrazzjoni pubblika ta' 5,9 % u 17,2 % tal-prodott domestiku gross (PDG) rispettivament sa tmiem l-2020. Skont it-tbassir interim tax-Xitwa 2021 tal-Kummissjoni, il-PDG tal-Estonja huwa mbassar li naqas bi 2,9 % fl-2020.
- (3) It-tifqigħa tal-COVID-19 waqqfet parti sostanzjali mill-forza tax-xogħol fl-Estonja. Dan wassal għal żieda f'daqqa u severa fin-nefqa pubblika fl-Estonja fir-rigward tal-miżuri tas-suq tax-xogħol għal żmien qasir u miżuri simili, kif ukoll ir-rikors għal miżuri rilevanti tas-saħħa relatati mat-tifqigħa tal-COVID-19, kif stabbiliti fil-premessi minn (4) sa (9).
- (4) Ir-Regolament tal-Gvern Nru 130 "Tööhõiveprogramm 2017–2020" tas-17 ta' Novembru 2016, kif emendat fl-2020², kif imsemmi fit-talba tal-Estonja tal-4 ta' Frar 2021, introduċa skema tas-suq tax-xogħol għal żmien qasir għall-preservazzjoni tal-impjegati (fis-seħħ mit-23 ta' Marzu 2020). L-objettiv kien li jingħata appoġġ lill-impjegati tas-settur privat li s-salarji jew is-siġhat tax-xogħol tagħhom tnaqqsu temporanjament minħabba l-impatt sostanzjali tas-sitwazzjoni ta' emerġenza billi l-impjegati jingħataw sa 70 % tas-salarju jew il-pagi medji fix-xahar tal-impjegat, b'limitu massimu ta' EUR 1000 għal kull impjegat fix-xahar. Kienet skema temporanja għall-perjodu tas-sitwazzjoni ta' emerġenza minn Marzu sa Mejju 2020.

¹ ĠU L 159, 20.5.2020, p.1.

² Riigi Teataja (minn hawn 'il quddiem RT) I, 20.03.2020, 3.

Minħabba l-impatt kontinwu tas-sitwazzjoni ta' emerġenza, ir-regolament reġa' ġie emendat³ u applikat għal Ġunju 2020. Il-kundizzjonijiet għall-iskema ta' assenza bil-permess ġew aġġustati sabiex l-appoġġ tal-gvern lil impjegat tnaqqas għal 50 % tas-salarju jew il-pagi medji fix-xahar tal-impjegat u b'limitu massimu ta' EUR 800 għal kull impjegat. Sabiex jirċievu l-appoġġ tal-gvern għall-impjegati, il-kumpaniji kellhom iħallsu mill-inqas EUR 150 (fuq bażi grossa) għal kull impjegat fix-xahar, sabiex kull impjegat jirċievi qligħ fix-xahar ta' mill-inqas EUR 584, li huwa ugwali għall-paga minima.

- (5) Ir-Regolament tal-Gvern Nru 26 “Erivjadusega lapse vanema toetuse saamise ja maksmise tingimused ning toetuse arvutamise alused”, tad-9 ta' April 2020⁴, kif imsemmi fit-talba tal-Estonja tal-4 ta' Frar 2021, introduċa *allowance* għall-preservazzjoni tal-qligħ għall-ġenituri li matul is-sitwazzjoni ta' emerġenza kellhom jissospendu x-xogħol biex jieħdu ħsieb uliedhom bi bżonnijiet edukattivi speċjali. Din kienet miżura temporanja għall-perjodu tas-sitwazzjoni ta' emerġenza mit-12 ta' Marzu sas-17 ta' Mejju 2020. L-*allowance* ġiet ikkalkolata abbażi tat-taxxa soċjali mħallsa fuq is-salarji jew il-pagi ta' ġenitur rispettiv fl-2019. L-appoġġ kopra 70 % tas-salarju medju ta' kuljum jew pagi ta' ġenitur wieħed.
- (6) Ir-Regolamenti tal-Ministeru tal-Kultura Nru 7 “COVID-19 haigust pōhjustava koroonaviiruse levikuga seotud kriisi leevendamiseks ette nāhtud toetusmeede laulu- ja tantsupeo liikumises osalevatele kollektiividele” tat-30 ta' April 2020⁵ u r-Regolamenti tal-Ministeru tal-Kultura Nru 9 “COVID-19 puhangust tingitud erakorraline abi kultuuri- ja spordivaldkonnale”, tat-30 ta' April 2020⁶ (fis-seħħ mit-3 ta' Mejju sal-11 ta' Settembru 2020) u “Treeneri tööjökulu toetuse määramise tingimused, sealhulgas nõuded spordialaliidule, spordiklubile ja spordikoolile ning selle omaosalusele, treeningrühmale ja treenerile, ning toetuse suuruse, jaotamise, tagasimaksmise ja tagasinõudmise kord” tas-26 ta' Novembru 2014, kif emendat fl-2020⁷, kif huma msemmija fit-talba tal-Estonja tal-4 ta' Frar 2021, introduċew skema għal żmien qasir għal artisti *freelance*, kowċis tal-isport u kapijiet ta' korijiet u gruppi ta' żfin. Dan jikkonċerna miżura temporanja għall-perjodu tas-sitwazzjoni ta' emerġenza minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19. L-artisti *freelance* ġew appoġġati f'ammont ugwali għas-salarju minimu għal perjodu ta' xahrejn. Il-kapijiet ta' korijiet u gruppi ta' żfin folk u kowċis tal-isport ingħataw appoġġ għall-introjtu tal-gvern li rrappreżenta 70 % tas-salarju jew pagi medji għall-perjodu minn Ottubru 2019 sa Frar 2020, b'limitu ta' EUR 1000. Il-kowċis tal-isport kienu appoġġati fl-ammont ta' 50 % tas-salarju/pagi regolari tagħhom, filwaqt li l-50 % l-oħra tħallsu mill-organizzazzjoni sportiva.
- (7) L-Estonja introduċiet ukoll serje ta' miżuri relatati mas-saħħa biex tindirizza t-tifqigħa tal-COVID-19. Skont l-Att tal-Parlament “Riigi 2020. aasta lisaelarve seadus” adottat fil-15 ta' April 2020⁸, kif imsemmi fit-talba tal-Estonja tal-4 ta' Frar 2021, hija miżura relatata mas-saħħa, li ppermettiet xiri mill-gvern ta' tagħmir protettiv personali, provvisti ġenerali addizzjonali u oġġetti konsumabbli.

³ RT I, 30.05.2020, 4

⁴ RT I, 10.04.2020, 5.

⁵ RT I, 30.04.2020, 28.

⁶ RT I, 09.09.2020, 4.

⁷ RT I, 05.05.2020, 21.

⁸ RT I, 21.04.2020, 2.

- (8) Ir-Regolament tal-Gvern Nru 28 “Eriolukorras Eesti Haigekassa kaudu hüvitiste ja teenuste eest maksmise tingimused ja kord”, tat-23 ta’ April 2020⁹, kif imsemmi fit-talba tal-Estonja tal-4 ta’ Frar 2021, introduċa skema ta’ appoġġ għal żmien qasir għall-isptarijiet biex tikkumpensa għall-ispejjeż ta’ reklutaġġ ta’ persunal temporanju għall-unitajiet tal-COVID-19 u l-unitajiet tal-kura intensiva, u jħallas għal sığhat tax-xoġhol estiżi għat-tobba, l-infermiera u persunal ieħor. Din tkopri l-ispejjeż ta’ hteġa addizzjonali għall-persunal fl-unitajiet tal-COVID-19 u l-unitajiet tal-kura intensiva fl-isptarijiet. Il-persunal addizzjonali ġie impjegat b’salarju oġhla (koeffiċjent 2.0) biex il-persunal jinżamm immotivat matul is-sitwazzjoni ta’ emerġenza.
- (9) Fl-aħħar nett, ir-Regolament tal-Gvern Nru 28 “Eriolukorras Eesti Haigekassa kaudu hüvitiste ja teenuste eest maksmise tingimused ja kord”, tat-23 ta’ April 2020¹⁰, kif imsemmi fit-talba tal-Estonja tal-4 ta’ Frar 2021, introduċa kumpens għall-impjegati għall-ewwel tlett ijiem ta’ liv minħabba mard. Din kienet miżura temporanja għall-perjodu ta’ sitwazzjoni ta’ emerġenza mit-13 ta’ Marzu sas-17 ta’ Mejju 2020. Iż-żieda fl-użu tal-liv tal-mard u l-kura minħabba l-COVID-19 ġiet ikkumpensata għall-persuni assigurati mill-Fond tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa Estonjan għall-ewwel tlett ijiem ta’ mard, li normalment jitħallsu mill-impjegat.
- (10) L-Estonja tissodisfa l-kundizzjonijiet biex tintalab assistenza finanzjarja stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/672. L-Estonja pprovdiet lill-Kummissjoni b’evidenza xierqa li n-nefqa pubblika attwali żdiedet b’EUR 230 000 000 mill-1 ta’ Frar 2020 minħabba l-miżuri nazzjonali meħuda biex jiġu indirizzati l-effetti soċjoekonomiċi tat-tifqigħa tal-COVID-19. Dan jikkostitwixxi żieda f’daqqa u severa minħabba li hija relatata kemm mal-miżuri ġodda kif ukoll mad-domanda akbar għal miżuri eżistenti, li flimkien ikopru proporzjon sinifikanti tal-forza tax-xoġhol fl-Estonja.
- (11) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Estonja u vverifikat iż-żieda f’daqqa u severa fin-nefqa pubblika attwali direttament relatata mal-iskemi tax-xoġhol b’ħinijiet iqsar u miżuri simili, kif ukoll ir-rikors għal miżuri rilevanti relatati mas-saħħa marbuta mat-tifqigħa tal-COVID-19, imsemmija fit-talba tal-4 ta’ Frar 2021, b’konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2020/672.
- (12) Għalhekk jenħteġ li tingħata assistenza finanzjarja bil-għan li tgħin lill-Estonja tindirizza l-effetti soċjoekonomiċi tat-tfixkil ekonomiku gravi kkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19. Jenħteġ li l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjonijiet rigward il-maturitajiet, il-qies u r-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali u tal-partijiet f’kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali.
- (13) Jenħteġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta’ kull proċedura relatata ma’ distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li tista’ titwettaq, b’mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-hteġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta’ għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat.
- (14) Id-deċiżjoni li tingħata assistenza finanzjarja ttieħdet b’kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet eżistenti u dawk mistennija tal-Estonja, kif ukoll it-talbiet għal assistenza finanzjarja skont ir-Regolament (UE) 2020/672 diġà ppreżentati jew ippjanati li jiġu ppreżentati minn Stati Membri oħra, filwaqt li ġew applikati l-prinċipji ta’ trattament ugwali, solidarjetà, proporzjonalità u trasparenza,

⁹ RT I, 24.04.2020, 13.

¹⁰ RT I, 24.04.2020, 13.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Estonja tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/672.

Artikolu 2

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Estonja self li jammonta għal massimu ta' EUR 230 000 000. Is-self għandu jkollu maturità medja massima ta' 15-il sena.
2. Il-perijodu ta' disponibbiltà għall-għajnuna finanzjarja mogħtija b'din id-Deċiżjoni għandu jkun ta' 18-il xahar li jibdew mill-ewwel jum wara li din id-Deċiżjoni ssir effettiva.
3. L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni lill-Estonja f'massimu ta' tmien ħlasijiet parzjali. L-iżborż ta' kull ħlas parzjali jista' jsir f'parti waħda jew aktar. Il-maturitajiet tal-partijiet taħt l-ewwel ħlas parzjali jistgħu jkunu itwal mill-maturità medja massima msemmija fil-paragrafu 1. F'każijiet bħal dawn, il-maturitajiet ta' partijiet oħrajn għandhom ikunu stabbiliti b'tali mod li l-maturità medja massima msemmija fil-paragrafu 1 tiġi rispettata ladarba jsir l-iżborż tal-ħlasijiet parzjali kollha.
4. L-ewwel ħlas parzjali għandu jiġi rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim tas-self previst fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/672.
5. L-Estonja għandha tħallas il-kost għall-finanzjament tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2020/672 għal kull ħlas parzjali flimkien ma' kull tariffa, kost u spiża tal-Unjoni li jirriżultaw minn kull finanzjament relatat mas-self mogħti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.
6. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar id-daqs u r-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali, kif ukoll dwar id-daqs tal-partijiet.

Artikolu 3

L-Estonja tista' tiffinanzja l-miżuri li ġejjin:

- (a) skema tas-suq tax-xogħol għal żmien qasir għall-preservazzjoni tal-impjeggi, kif previst fir-Regolament tal-Gvern Nru 130 "Tööhõiveprogramm 2017–2020" tas-17 ta' Novembru 2016, kif emendat fl-2020;
- (b) *allowance* għall-preservazzjoni tal-introjtu għall-ġenituri li matul is-sitwazzjoni ta' emerġenza kellhom jisspendu x-xogħol biex jieħdu ħsieb it-tfal tagħhom bi bżonnijiet edukattivi speċjali, kif previst fir-Regolament tal-Gvern Nru 26 "Erivajadusega lapse vanema toetuse saamise ja maksmise tingimused ning toetuse arvutamise alused" tad-9 ta' April 2020;
- (c) skema fuq medda qasira ta' żmien għall-artisti *freelance*, kowċis tal-isport u kapijiet ta' korijiet u gruppi taż-żfin, kif previst mir-Regolamenti tal-Ministeru tal-Kultura Nru 7 "COVID-19 haigust põhjustava koroonaviiruse levikuga seotud kriisi leevendamiseks ette nähtud toetusmeede laulu- ja tantsupeo liikumises osalevatele kollektiividele", tat-30 ta' April 2020 u r-Regolamenti Nru 9 "COVID-19 puhangust tingitud erakorraline abi kultuuri- ja spordivaldkonnale" tat-30 ta' April 2020 u "Treeneri tööjõukulu toetuse määramise tingimused, sealhulgas nõuded

spordialaliidule, spordiklubile ja spordikoolile ning selle omaosalusele, treeningrühmale ja treenerile, ning toetuse suuruse, jaotamise, tagasimaksimise ja tagasinõudmise kord” tas-26 ta’ Novembru 2014, kif emendat fl-2020;

- (d) miżura relatata mas-saħħa, li ppermettiet ix-xiri mill-gvern ta’ tagħmir protettiv personali, provvisti ġenerali addizzjonali u oġġetti konsumabbli, kif previst fl-Att tal-Parlament “Riigi 2020. aasta lisaelarve seadus” tal-15 ta’ April 2020;
- (e) skema ta’ appoġġ fuq terminu qasir għall-isptarijiet biex tikkumpensa għall-ispejjeż ta’ reklutaġġ ta’ persunal temporanju għall-unitajiet tal-COVID-19 u l-unitajiet tal-kura intensiva, u l-ħlas għal sigħat tax-xogħol estiżi għat-tobba, l-infermiera u persunal ieħor, kif previst fir-Regolament tal-Gvern Nru 28 “Eriolukorras Eesti Haigekassa kaudu hüvitiste ja teenuste eest maksimise tingimused ja kord” tat-23 ta’ April 2020;
- (f) kumpens għall-impjegati għall-ewwel tlett ijiem ta’ liv minħabba mard, kif previst fir-Regolament tal-Gvern Nru 28 “Eriolukorras Eesti Haigekassa kaudu hüvitiste ja teenuste eest maksimise tingimused ja kord” tat-23 ta’ April 2020.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Estonja.

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha lid-destinatarju.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*